

# Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa fil-Konferenza tal-European Marian Network f'Ġibiltà

*Jimmy Muscat*

It-tmien konferenza annwali tal-European Marian network saret f'Ġibiltà bejn it-13 u s-17 ta' Settembru 2010. Din in-Network, ibbażata ġewwa Lourdes, tiġbor fiha għoxrin Santwarju Marjan imxerrdin mal-Ewropa kollha u kull sena r-retturi tagħhom jiltaqgħu biex jiddiskutu xi suġġett importanti kontemporanju fi ħdan il-Knisja Kattolika. It-tema magħżula għal din is-sena kienet: "Is-Santwarji Tagħna -- Postijiet ta' Ekumeniżmu u ta' laqgħat Interreliġjużi", jiġifieri s-sehem li dawn is-Santwarji għandhom u l-kontribut li huma jagħtu għall-għaqda tal-knejjes.




Din in-Network hi magħmula mis-Santwarji ta' Lourdes (Franza), Fatima (Portugall), Loreto (Italja), Einsideln (Svizzera), Cszestochowa (Polonja), Mariapocs (Ungerija), Mellieħa (Malta), Zaragoza (Spanja), Knock (Irlanda), Walsingham (Ingilterra), Marija Bistrica (Kroazja), Ġibiltà, Brezje (Slovenja), Csiksomlyo (Rumanija), Levoca (Slovakkja), Zarvanyzia (Ukrajna), Banneux (Belgju), Altotting (Ġermanja), Mariazell (Awstrija) u Vilnius (Litwanja), kollha iddedikati lill-Madonna taħt xi titlu jew ieħor u kollha jiġbdu devozzjoni kbira lejn Ommna Marija. Huma għoxrin għax jirrappreżentaw l-20 posta tar-Rużarju Mqaddes u kull sena din il-konferenza ssir f'xi wieħed minnhom. Xi darba għad ikollna x-xorti li ssir fis-Santwarju tal-Madonha tal-Mellieħa wkoll.

Fl-ewwel laqgħa li saret nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru 2010 saru żewġ introduzzjonijiet qosra minn Mons. Charles Azzopardi, rettur tas-Santwarju ta' Ġibiltà li hu ddedikat lill-Madonna tal-Ewropa u mill-Isqof ġdid ta' Ġibiltà, l-E.T. Ralph Heskett. Imbagħad ingħatat merħba lir-rappreżentanti kollha

tas-Santwarji preżenti mill-Isqof ta' Lourdes, l-E.T. Jacques Perrier, li kien iċ-chairperson tal-konferenza. Hu ta merħba speċjali lil dik mill-Mellieħa, li kienet magħmula minn Mons. Dun Mosè Debono u s-Sinjuri Sammy Borg u Jimmy Muscat, peress li kienet preżenti għall-ewwel darba. Huwa spjega kif is-Santwarji jistgħu jkunu ta' ħolqa fejn ħafna nies ta' reliġjonijiet differenti jistgħu jiltaqgħu flimkien biex jaqsmu l-fehmiet tagħhom. Semma wkoll li hemm ħsieb li l-fuljett eżistenti tan-Network jiġi stampat mill-ġdid taħt forma differenti u li jkun jinkludi wkoll it-talbiet speċifiċi ta' kull Santwarju. Żied jgħid li forsi 'l quddiem iktar Santwarji mid-dinja kollha, bħal dawk fl-Indja, Guadaloupe, il-Vjetnam u postijiet oħra jiġu mistiedna jieħdu sehem.



Imbagħad tkellem l-Isqof Emeritus ta' Ġibiltà, Mons. Charles Caruana, li sfortunatament miet ftit xhur ilu, u permezz ta' power point interessanti ta ħarsa lejn l-istorja tal-Madonna tal-Ewropa meqjuma f'Ġibiltà. Qal kif l-Islam kien xtered fi Spanja mill-Afrika u kif Ġibiltà sabet ruħha fin-nofs ta' dan kollu. Fis-sena 710 it-Tork Ibn Zayid okkupa Ġibiltà u qasam għal Spanja. Hu bena moskea f'Ġibiltà u l-Mori damu f'Ġibiltà sal-1309 meta r-Re Spanjol Ferdinandu IV keċċihom u biddel il-moskea f'Santwarju taħt it-titlu tal-Madonna tal-Ewropa. Il-Mori reġgħu rebħu Ġibiltà fl-1333 u l-Insara telqu minn hemm u ħadu l-istatwa tal-Madonna magħhom. Fl-1462 ir-Re Neriku IV ta' Spanja reġa' rebaħ Ġibiltà u għamel statwa oħra tal-injam għax dik oriġinali ma nstabitx. Fis-sekli 15 u 16 Ġibiltà ġiet attakkata diversi drabi mill-kursari u ħallelin tal-baħar li kienu jagħmlu ħafna ħsara. Minkejja dan kollu ġiet imwaqqfa l-Konfraternità tal-Madonna tal-Ewropa biex ixxerred id-devozzjoni.

Fl-1704 Ġibiltà ġiet mirbuħa minn morini Ingliżi u Olandiżi li pprofanaw dan is-Santwarju, l-istatwa ġarrbet ħsarat kbar u s-Santwarju ġie mibdul f'kamra tal-għassa. Is-6000 ruħ li kien hemm Ġibiltà ngħataw iċ-ċans li jitilqu u l-maġġoranza tagħhom telqu lejn Alġeciras fi Spanja u ħadu l-istatwa magħhom fejn damet għal madwar 160 sena. Id-devozzjoni lejha tant xterdet li llum tinsab meqjuma f'Medina Sedonia, Sevilja, Trento u Barcellona. Fl-1860 beda l-proċess biex l-istatwa tal-Madonna tal-Ewropa tinġab lura Ġibiltà, fl-1866 ittieħdet post ieħor u matul it-tieni gwerra dinjija tpoġġiet fil-Katidral ta' Santa Marija Inkurunata fejn damet 14-il sena. In-nies ta' Ġibiltà kienu ġew evakwati kollha minħabba din il-gwerra u ttieħdu f'Casablanca fil-Marokk.

Imbagħad fis-Sena Marjana fl-1954 l-istatwa ttieħdet mill-Katidral ta' Santa Marija għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp, qrib is-Santwarju tagħha, sakemm fl-1961 l-Isqof Healy ngħata ċ-ċwievet tas-Santwarju l-qadim u nbeda r-restawr fuqu. Fl-1963 is-Santwarju ġie mbierek u saret l-ewwel quddiesa mill-1704 'l hawn sakemm fl-1967 l-istatwa ġiet eskortata minn stakkament ta' suldati għall-post oriġinali fejn tinsab illum. Fl-1979 saret petizzjoni biex din il-Madonna ssir il-patruna ta' Ġibiltà, ġiet mogħtija kalċi tad-deheb f'isem il-Papa Ġwanni Pawlu II u fl-2002, meta l-Isqof Caruana kien Ruma, din l-istatwa ġiet imbierka u nkurunata mill-istess Papa. Fl-2009, f'għeluq is-Sena tal-Ġublew, il-Papa Benedittu XVI bagħat warda tad-deheb lil din il-Madonna tal-Ewropa f'Ġibiltà.

Wara dan l-intervent 'storiku' saret kontribuzzjoni interessanti minn Isqof Anglikan fejn ta ħarsa lejn id-devozzjoni Marjana f'għajnejn l-Anglikani, speċjalment dwar il-Kunċizzjoni, it-Twelid, l-Annunzjazzjoni u l-biża' li Marija tieħu l-post ta' Ġesù għal dik li hi devozzjoni. Semma wkoll kif l-Anglikani huma maqsuma fejn tidħol id-devozzjoni lejn ix-xbihat tal-Madonna. Għalaq billi semma kas fejn qassis Anglikan kien poġġa statwa tal-Madonna ġol-knisja u l-Isqof tiegħu ordnalu biex ineħħiha. Qallu li hu kien se jobdi għax kien l-Isqof tiegħu, iżda ra kif għamel u sab raġel għani li bnielu kappella tmiss mal-knisja u poġġa dik l-istatwa hemm għall-qima tal-poplu.

Fit-tieni jum tal-konferenza ngħataw ir-rapporti mir-retturi jew rappreżentanti tas-Santwarji kollha. Kienu preżenti sbatax-il Santwarju mill-għoxrin li hemm fin-Network u b'kollox kien hemm preżenti madwar ħamsa u erbgħin persuna. Kull Santwarju, inkluż dak tal-Mellieħa, ta r-rapport tal-ħidma tiegħu u kontribuzzjonijiet oħra dwar pellegrinaġġi, quddies, jiem ewkaristiċi, konferenzi spiritwali, simpożja,

żwiġijiet, tberik ta' trabi, adorazzjonijiet, laqgħat oħra ta' Padre Pio, talb u attivitajiet li jiġu organizzati matul il-jum u anke bil-lejl. Issemma wkoll kif pellegrini Ortodossi ngħataw permess jiċċelebraw ġo Loreto nhar ta' Ħadd u okkażjoni oħra fejn reliġjonijiet differenti qasmu flimkien laqgħat ta' talb f'uħud minn dawn is-Santwarji.

Matul il-ġranet ta' din it-tmien konferenza f'Ġibiltà ġew organizzati wkoll diversi żjajjar ta' natura reliġjuża, fosthom fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù u fis-Santwarju tal-Madonna tal-Ewropa f'Ġibiltà fejn ġiet konċelebrata quddiesa solenni fil-beraħ li fiha ħadu sehem l-Isqfijiet u Retturi jew Saċerdoti oħra preżenti. Saru wkoll diversi talbiet b'lingwi differenti. F'jum ieħor saret żjara fil-Katidral ta' Santa Marija Inkurunata u ġiet konċelebrata quddiesa oħra fil-Knisja tal-Madonna tad-Duluri ġo *Catalan Bay* f'Ġibilta. Ġewwa l-Marokk saret quddiesa oħra fil-Katidral ta' Tanġier waqt li f'Ceuta, belt Spanjola li tinsab fin-naħa ta' fuq tal-Marokk fl-Afrika ta' Fuq, saret żjara lill-Katidral iddedikat lill-Assunta u aktar tard lis-Santwarju ddedikat lill-Madonna tal-Afrika fejn sar it-talb ta' filgħaxija. F'dawn id-diversi żjajjar id-delegazzjoni ġiet milqugħa u apprezzata tajjeb ħafna min-nies tal-lokal.

Mil-lat ċivili kien hemm ukoll diversi laqgħat interessanti. Saret stedina u laqgħa mal-Onorevoli Peter Caruana, Ministru Prinċipali tal-Gvern f'Ġibiltà. Id-delegazzjoni Melleħija donnha kellha rokna speċjali fil-qalb tal-Ministru Caruana li hu ta' nisel Malti u saru diversi interventi dwar l-għeruq komuni Maltin f'Ġibiltà. Anke l-Isqof Emeritus Charles Caruana, kif ukoll ir-Rettur tas-Santwarju ta' Ġibilta Mons. Charles Azzopardi qasmu ħsibijiet sbieħ u nostalġiċi mal-istess delegazzjoni.



Ngħidu wkoll li kull fejn tmur tiltaqa' ma' ħafna nies li hekk kif jaraw kunjom Malti mill-ewwel jinġabru miegħek u jibdew jitkellmu fuq nieshom f'Malta. Ħadd minnhom ma jaf jitkellem bil-Malti iżda bl-Ingliż jew bl-Ispanjol għax il-biċċa l-kbira tagħhom huma t-tielet ġenerazzjoni jew iktar iżda xorta għadhom bil-kunjomijiet Maltin. Laqgħa oħra sabiħa kienet dik ġewwa Ceuta. Hawnhekk is-Sindku ta' din il-belt



kellu kliem ta' tifħir u ħassu verament onorat li din id-delegazzjoni ta' Santwarji Marjani marret tagħmel dik iż-żjara. Kienet mistiedna wkoll l-istampa u s-Sindku tkellem fuq il-valuri Nsara li dawn is-Santwarji qegħdin ixerrdu mal-Ewropa kollha.

Ma nistgħux ma nsemmux l-esperjenza kbira li wieħed jakkwista meta jsib ruħu jitkellem ma' Isqfijiet, Monsinjuri, Retturi, Saċerdoti u lajċi oħra minn sbatax-il pajjiż differenti fl-Ewropa. Kollha jitkellmu lingwi differenti, b'kulturi u fehmiet differenti. Mill-Irlanda, għal Ġibiltà, Malta u l-Ukrajna u tkun qsamt l-Ewropa kollha, iżda, għalkemm differenti, il-qalb hija waħda, unika, marbuta b'dik il-ħolqa ta' mħabba lejn il-Beata Verġni Marija, tant meqjuma b'għożża f'dawn iċ-ċentri qaddisa fejn il-pellegrin mitluf isib ir-rifuġju tiegħu f'dinja daqstant imħawwda.

S'issa dawn il-laqgħat tal-*European Marian Network* saru ġewwa Lourdes, Fatima, Mariapocs, Knock, Vilnius, Zaragoza, Czestochowa u Ġibiltà. Din is-sena se ssir f'Walsingham fl-Ingilterra u xi darba ssir ukoll fis-Santwarju qaddis tal-Madonna tal-Mellieħa. Jalla dawn il-laqgħat u konferenzi jservu ta' qawmien ġdid fid-devozzjoni lejn il-Madonna, Omm Alla u Ommna. Jalla l-pellegrini u t-turisti li jżuru dawn is-Santwarji Ewropej, kemm Kattoliċi u mhumiex, kemm b'kurżità jew bil-fidi, isibu dik il-paċi tal-qalb u s-serħan tal-moħħ li Ommna Marija taf tagħti.